KUNSILL LOKALI - IL-MUNXAR - LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**Laqgħa Nru.** 23/2016(29_09_16)

Data: 29 ta' Settembru 2016

Ħin: 5.30 ta' filgħaxija

Post: Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

---

Preżenti:
**Is-Sinjura Carmen Said** - Sindku
**Is-Sur Robert Mallia** - Viċi Sindku
**Is-Sur Damien Spiteri** - Kunsillier
**Is-Sur Paul Curmi** - Kunsillier
**Is-Sinjorina Sonja Abela** - Kunsillier

**Is-Sur Anthony Grech** - Segretarju Eżekuttiv

Assenti: **Is-Sinjorina Maria Masini** - Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

---

**AĠENDA**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Ilmenti;
6. Korrezzjoni Finanzjarja Miżuri 313, 323 u 413.4 Landscaping;
7. Il-Munxar Day 2016;
8. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv;
9. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
10. Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;
11. Aġġornament.

**1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

**1.01** Peress li l-Minuti ntbagħtu minn xi jiem qabel, dawn ġew meħuda bħala moqrija u ġew approvati.

**2. Punti mqajma mill-Minuti**

**2.01** Is-Sur Paul Curmi rrefera għall-Minuta 4.07 u 4.13 rigward applikazzjoni għal Permess ta' Żvilupp lill-Awtorità tal-Ippjanar. Huwa rrefera wkoll għall-Minuta 8.02 rigward talba lill-Water Services Corporation dwar *main* tal-ilma ta' Triq il-Munxar sabiex jinbidel. Staqsa jekk kienx hemm xi risposta. Is-Sindku wieġbet li ma kienx hemm risposta.

**3. Komunikazzjoni mis-Sindku**

**3.01** Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit John Saliba għamlu *site inspection* fejn sar bini privat ma' ġenb Ġnien Ragalna. F'din is-*site inspection* ġew identifikati diversi ħsarat li saru fil-proprjetà pubblika mill-iżviluppatur. Peress li s-sid talab permess li jgħaddi xi servizzi minn taħt il-wiċċ tal-ġnien, huwa ntalab jibgħat pjanti dwar dak li qed jipproponu. Sa issa dawn il-pjanti għadhom ma ntbagħtux u s-sid ġie infurmat sabiex jerġa' jwaħħal ir-*railing* li nqala' għaliex ser jinżamm responsabbli jekk iweġġa' xi ħadd.

**3.02** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li d-devoluzzjoni tat-Torri saret din il-ġimgħa, iżda l-perit għadu ma bagħatx il-pjanti biex issir l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar u dawn l-istess pjanti ser jintużaw għall-applikazzjoni tal-EU Funds.

**3.03** Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-laqgħa ma' uffiċjali tal-Wasteserv fiċ-Ċentru għall-Iskart Goff f'Tal-Kus, Ix-Xewkija dwar l-iskart organiku. F'din il-laqgħa ġie ffirmat il-ftehim ma' Wasteserv u l-Kuntrattur KIP Għawdex Ltd sabiex issir ġabra *extra* kull nhar ta' Tnejn u titħallas mill-Wasteserv. Il-Kunsill bagħat *flyer* fil-Munxar u Ix-Xlendi dwar is-servizz ta' *organic waste collection*.

**3.04** Eżattament fl-aħħar ta' Awwissu nqalgħu tliet bankijiet li kienu mwaħħla quddiem ir-ramel tax-xtajta minħabba li għamlet maltempata.

**3.05** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill introduċa inizjattiva ta' riċiklaġġ ta' ħwejjeġ, żraben u aċċessorji oħra. Il-Kumpanija Refab Malta se tbattal dawn il-kontenituri, fejn ħwejjeġ tajbin li jistgħu jintużaw jiġu magħżula u oħrajn li jkunu mqattgħin jgħaddu minn proċess sakemm isiru ċraret biex jerġgħu jintużaw. Il-Kunsill bagħat *flyer* f'kull dar fil-Munxar u Ix-Xlendi dwar dan is-servizz.

**3.06** Is-Sindku rreferiet għar-ritratti u kummenti li għamel il-Professur Alan Deidun fil-paġna tiegħu ta' Facebook fejn qed jallega li żewġ bankijiet li hemm fil-qiegħ tal-baħar intefgħu mill-kuntrattur biex ma joqgħodx jeħodhom lura. Is-Sur Mark Busuttil, *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi wieġeb li dawk tkaxkru fil-baħar bil-maltemp li sar fis-26 u 27 ta' Novembru 2015. Dawk il-bankijiet twaħħlu fil-bidu ta' Awwissu 2015.

**3.07** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill irċieva taħrika għall-Arbitraġġ rigward kontijiet pendenti għall-ħlas ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ u taħrika għat-Tribunal għal Talbiet Żgħar dwar *patching* fil-Pjazza tal-Knisja. Dawn saru mill-Kuntrattur Sammy Spiteri.

**4. Korrispondenza**

**4.01** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 15/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid u l-importanza li jkun hemm *handover* u *audit*'.

**4.02** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 16/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv'.

**4.03** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 17/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Nuqqas ta' Attendenza għal-Laqgħat minn Membri u Kunsillieri'.

**4.04** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 18/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Ordnijiet Permanenti li fuqhom għandhom jitmexxew il-Laqgħat tal-Kunsilli Lokali'.

**4.05** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 19/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Sħubija fil-Local Action Groups (LAGs)'.

**4.06** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 20/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Inizjattiva Finanzjarja għal Kumitati Reġjonali – Pjan Ekonomiku, Soċjali u Kulturali għall-Komunità fuq Livell Reġjonali'.

**4.07** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 21/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Konvenzjoni dwar il-Qasam Soċjali fil-Komunità u l-programm ta' taħriġ Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar'.

**4.08** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 22/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Tqegħid jew Depożitu ta' Stekkat (Boundary Wall)'.

**4.09** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 23/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Servizzi provduti mill-MITA lill-Kunsilli Lokali'.

**4.10** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 23A/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Corrigendum għal Ċirkulari Numru 23/2016'.

**4.11** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 24/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Inizjattiva ta' Taħriġ dwar *Stress Management*'.

**4.12** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 25/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Sejħiet għall-Offerti li jinkludu Aċċessibilità'.

**4.13** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 26/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Kampanja *Pink October 2016*'.

**4.14** Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 27/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Skema ta' Finanzjament: Proġetti Kapitali – Iffirmar ta' Kuntratti'.

**4.15** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal informazzjoni mingħand il-Wasteserv Malta Ltd rigward il-'European Week for Waste Reduction 2016'.

**4.16** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-IMPEL Communications Co. Ltd rigward il-programm Xift iddedikat lil Għawdex fuq Net TV.

**4.17** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Bicycling Advocacy Group rigward 'Request for Bylaw', li għandha x'taqsam mal-*bicycle racks*.

**4.18** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-*information session* 'Role of Local Councils in Planning Authority Procedures'.

**4.19** Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta rigward permess ta' żvilupp PA/05334/16 fi Triq San Xmun/Triq il-Puniċi, Ix-Xlendi.

**4.20** Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta rigward permess ta' żvilupp PA/03056/09 fi Triq ir-Rabat c/w Triq il-Ġostra, Ix-Xlendi.

**4.21** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-European Forum for Urban Security, mis-City of Rotterdam u mill-Congress of Local and Regional Authorities of the Council of Europe rigward 'Invitation to the Summit of Mayors - Alliance of European Cities against Violent Extremism'.

**4.22** Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta rigward permess ta' żvilupp PA/04892/16 fi Triq Sant'Indrija, Ix-Xlendi.

**4.23** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Europe for Citizens Contact Point fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-'Parteċipazzjoni fil-European Week of Regions and Cities 2016'.

**4.24** Il-Kunsill irċieva LCA Circular 46/2016 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward

‘Collaboration between Transport Malta, Ministry for Transport and Infrastructure & Local Councils’ Association’.

**4.25** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kumitat ta’ Ġbir ta’ Fondi, Fondazzjoni Nazareth rigward ‘Maratona b’risq Fondazzjoni Nazareth 2016’.

**4.26** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand BirdLife Malta rigward ‘Urban Tree Management in Munxar and Xlendi’, u l-proposta ta’ *short training course*.

**4.27** Il-Kunsill irċieva stedina mingħand Adi Associates għal-‘Local Development Strategy for Gozo Meeting’.

**4.28** Il-Kunsill irċieva Circular LCA Circ 32/2016 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward ‘CENSE Competition’, bit-tema ‘Recycling of Waste’.

**4.29** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarja Kumitat Milied f’Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward ‘Milied f’Għawdex 2016’, b’anness l-ittra li ser titqassam mal-bulettin fil-ġranet li ġejjin sabiex tinġabar informazzjoni dwar l-attivitajiet li ser ikunu qed jorganizzaw l-Għaqdiet minn kull lokalità.

**4.30** Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta’ Malta rigward permess ta’ żvilupp PA/05134/16 fi Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi.

**4.31** Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta’ Malta rigward permessi ta’ żvilupp PA/03311/16 u PA/05164/16 fi Triq il-Qsajjem c/w Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.

**4.32** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Wasteserv fejn talbu dettalji dwar il-vetturi tal-Kunsill jew kuntratturi żgħar imqabbda mill-Kunsill minħabba li introduċew sistema ġdida għad-dħul fiċ-Ċentri għall-Iskart Goff sabiex tiġi indirizzata l-problema tal-iskart kummerċjali.

**4.33** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Uffiċċju tal-Anzjani, Sezzjoni għall-Anzjani u Bżonnijiet Speċjali, Dipartiment tal-*Customer Services* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward ‘Kors tal-Università tat-tielet età f’Għawdex 2016-2017’.

**4.34** Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta’ Malta rigward permessi ta’ żvilupp PA/02360/16 fi Triq il-Ġostra, Ix-Xlendi, PA/02960/16 fi Triq Tarsu, Il-Munxar, PA/05788/16 fi Triq it-Torri, Ix-Xlendi, PA/05852/16 fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi, PA/02434/16 fi Triq ir-Rabat c/w Triq ix-Xatt, Ix-Xlendi, PA/02758/16 fi Triq Ta’ Rinota, Il-Munxar, PA/03510/16 fi Triq il-Puniċi, Ix-Xlendi u PA/04429/16 fi Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi.

**4.35** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ‘Premju Anzjanità Attiva 2016’.

**4.36** Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta’ Malta rigward permess ta’ żvilupp PA/05651/16 fi Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi.

**4.37** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Uffiċċju tal-President ta’ Malta rigward ‘The President’s Solidarity Fun Run 2016’.

## 5. Ilmenti

**5.01** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand studenta fl-Università ta’ Malta li qiegħda tagħmel it-teżi fuq il-biedja. Hija qed titlob kuntatti ma’ għaxar bdiewa ta’ età bejn 20 u 35 sena u għaxra oħra ’l fuq minn 65 sena. Is-Sur Paul Curmi jaf b’persuna li tkun tista’ tgħin.

**5.02** Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident ta’ Triq San Xmun dwar bżonn li jinbena l-gagazza tal-ħajt li waqa’ u jinġabru friegħi ta’ siġar li tħallew fil-passaġġ. Is-Sindku ser tieħu ħsieb dwar dan l-ilment.

**5.03** Il-Kunsill irċieva lment dwar Triq Għajn Tuta, il-parti li qiegħda fil-konfini tal-Munxar, minħabba li għandha ħafna ħofor. Il-Kunsill kien se jagħmel il-*patching* meħtieġ.

**5.04** Il-Kunsill irċieva talba sabiex triq ġdida li tagħti minn Triq Ta' Rinota tinkesa b'materjal li jkun tqaxxar minn wiċċ tat-tarmak. Ir-resident li għamel din it-talba diġà ferrex xi materjal li nġieb minn kuntrattur. Peress li din hija triq ġdida u familja waħda biss qed tgħix hemm, ma timmeritax li din it-triq tiġi ffurmata. Il-Kunsill se jieħu ħsieb li ma jkunx hemm inkonvenjent għal min jgħaddi minn din it-triq.

**5.05** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kumitat Olimpiku fejn informa lill-Kunsill li bħalma sar f'dawn l-aħħar snin ser jingħata *award* lil dak il-Kunsill Lokali li jkun ta l-akbar kontribut lill-isport Malti.

**5.06** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Prinċipal tal-Gozo College fejn qed jistieden lill-Kunsill għall-attività 'Dear Europe I'm writing you .....' flimkien ma' The Italian NGO Cultura & Solidarietà.

**5.07** Il-Kunsill irċieva mingħand il-Wasteserv dwar il-European Week for Waste Reduction li se tiġi ċċelebrata mid-19 u 27 ta' Novembru 2016. It-tema għas-sena 2016 ser tkun 'Packing Waste'. Ser ikun hemm diversi premijiet.

**5.08** Ir-Reġjun ta' Għawdex qed jistieden lis-Segretarji Eżekuttivi ta' Għawdex għal-laqgħa rigward l-inizjattiva 'Inspire Walk' li ser issir nhar il-Ħadd, 4 ta' Diċembru 2016 madwar Malta u Għawdex biex tkun iċċelebrata l-World Disability Day. Is-Sinjorina Sonja Abela offriet li tieħu ħsieb hi din l-attività.

**5.09** Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand residenta ta' Triq Ta' Rinota fejn qed tilmenta li minħabba l-lampa li hemm imwaħħla mal-faċċata tagħha qed jiġu ħafna ħanfus u jmutu fil-gallerija u t-tfal qegħdin jibżgħu. Din il-lampa kienet mitfija għax saru żewġ lampi fil-faċċata tat-triq u din reġgħet inxtelgħet meta l-lampi nbidlu għal-LED's. Għaldaqstant, din il-lampa ntfiet proviżorjament.

**5.10** Il-Kunsill irċieva lment li żewġ lampi fi Triq San Xmun ma humiex jixgħelu. Is-Sindku ser tmur tara liema huma.

**5.11** Il-Kunsill irċieva ittra u invit dwar Wirja Niċeċ Storiċi ta' Għawdex li ser tittella' fl-Arkivji Nazzjonali mill-Onor. Anton Refalo, Ministru għal Għawdex, nhar l-Erbgħa, 12 ta' Ottubru 2016, fid-9.30 ta' filgħodu.

**6. Korrezzjoni Finanzjarja Miżuri 313, 323 u 413.4 Landscaping**

**6.01** Il-Kunsill irċieva avviż dwar korrezzjoni għal *claims* li saru fuq proġetti mingħand l-ARPA. Il-korrezzjoni mitluba huma dawn:

<u>Measure 313 2nd Call - Contract No. 15332/113400/2014 – Financial Corrrection €12,216.94</u>
Mehmuż kien hemm il-kalkolazzjonijiet li wasslu għall-korrezzjoni finanzjarja. Il-korrezzjoni hija essenzjalment id-differenza bejn il-valur tal-*grant* ipproċessat u l-valur tal-*invoices* (mingħajr VAT) ippreżentati/imħallsa u prova ta' pagament (mingħajr VAT) rispettivi. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jirrikonċilja l-*account* tal-proġett biex assigura li l-VAT kollu dovut għall-*invoices* ġie *refunded* fl-*account*.

<u>Measure 323 – Contract No. 389/54436/2010 – Financial Correction €18,202.87</u>
Ġie kkonfermat li min-naħa tagħhom dawn il-kalkolazzjonijiet huma korretti u l-Kunsill intalab jieħu nota ta' dawn:
Invoice No. MXR/001 Ta' Ġam Ġam Services – l-ammont eliġibbli hu €28,177.92; €70.67 ikkunsidrat mhux eliġibbli
Invoice No. MXR/002 Ta' Ġam Ġam Services – l-ammont eliġibbli hu €28,177.92; €70.67 ikkunsidrat mhux eliġibbli
Invoice No. 2056 Bugeja Bros (Gozo) Ltd – l-ammont eliġibbli hu €15,196.23; €1,491.50 ikkunsidrat mhux eliġibbli

Għaldaqstant it-total tal-ispejjeż mhux eliġibbli huwa €1,632.84 (mingħajr VAT).

Measure 413.4 – Contract No. 15325/129552/2014
Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jekk għandu prova ta' pagamenti eliġibbli addizzjonali, dawn għandhom jintbagħtu sad-29 ta' Settembru 2016. Il-Kunsill ser jipproduċi prova ta' pagament sabiex ikopri l-ammont ta' €8,752 iżda l-irċevuti fiskali huma datati 22 ta' April 2016 u 4 ta' Mejju 2016.

Bilanċ fl-*accounts* tal-bank jammontaw għall-€28,899.04 u ġie deċiż li dan l-ammont jiġi trasferit lura lill-Paying Office.

Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa lill-Project Leader u lill-Kunsill sabiex tinstab persuna biex tkun tista' tagħmel il-kalkolazzjonijiet u *audit* ta' kull transazzjoni li saret. Wara jibqa' li rridu napplikaw għal *co-finance*. Kien hemm qbil dwar dan.

**7. Il-Munxar Day 2016**

**7.01** Is-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill jibda jaħdem minn issa dwar Jum Il-Munxar 2016. Dan qed isir sabiex jekk ser jiġu organizzati xi kompetizzjonijiet ikun hemm żmien biżżejjed għal dan il-għan.

Saru diversi suġġerimenti x'għandu jsir f'din l-attività speċjalment f'dak li jiġu involuti t-tfal tal-lokalità. Dawn jistgħu jiktbu poeżija dwar ir-raħal tal-Munxar iżda mhux kompetizzjoni. Din tinqara wara s-Serata.

Jingħata wkoll Ġieħ Il-Munxar għalkemm kien hemm opinjonijiet differenti għaliex dan mhux sew li jingħata jekk ma jkunx hemm persuna li spikkat fil-lokalità.

Is-Sindku tkellmet mal-Uffiċjal tal-Gozo Sports Board sabiex issir xi ħaġa f'dik il-ġimgħa u tkun attività li twassal għal Jum Il-Munxar. L-attività tista' ssir il-Ħadd u Jum Il-Munxar ser jaħbat it-Tnejn, 12 ta' Diċembru 2016. Sar suġġeriment sabiex il-membri jiċċirkolaw ideat permezz tal-*e-mail*, iżda ġie deċiż li tissejjaħ laqgħa dwar din il-materja biss.

**8. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv**

**8.01** Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-ittra mingħand il-Managing Authority, Diviżjoni tal-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet dwar il-Pre-announcement Call IV: Restoration & Conservation of Xlendi Tower as a Tourist Attraction. Il-Kunsill ġie infurmat li l-proġett ippreżentat jiffitja fil-Priority Axis. Ġew elenkati diversi punti sabiex dawn isiru qabel toħroġ is-sejħa proprja u l-proġett ikun jista' jintgħażel mill-Kumitat tal-Għażla.

Kien hemm qbil li l-punti msemmija huma estensivi u li jirrikjedu ħafna ħin u enerġija u għaldaqstant ġie deċiż li l-Kunsill isib persuna li tieħu ħsieb dan ix-xogħol. Il-ħlas ikun jista' jsir mill-fondi tal-proġett stess.

**8.02** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta pjanti mingħand il-Perit William Lewis dwar il-*bus shelter* li hemm propost li jsir maġenb l-entratura ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Kien hemm qbil dwar dan.

**8.03** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta pjanti mingħand il-Perit William Lewis dwar il-*bring-in-site* li hemm fid-daħla prinċipali tal-Munxar. Huwa qed jipproponi li dawn il-*bins* tal-*bring-in-site* jsiru taħt l-art u 'l fuq mill-wiċċ ikun hemm bokka biss. Kien hemm qbil li jew issir CCTV jew din il-*bring-in-site* titneħħa.

Hemm kumpanija li qed toffri servizz ta' CCTV u qed tieħu kważi €1,000 fis-sena bl-anqas żmien huwa sena. Jekk ikun hemm bżonn ta' arblu, dan irid isir mill-ispejjeż tal-Kunsill. Ir-*recordings* jitpoġġew fi *cloud account* u jiġu aċċessjati minn hemm. Kemm is-Sindku, kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv iddikjaraw li ma għandhomx ħin li joqogħdu jassessjaw il-filmati u jħarrku lil min jabbuża u għaldaqstant trid tinstab persuna li tieħu ħsieb dan ix-xogħol. Kien hemm qbil li l-aħjar triq 'il quddiem hija li titneħħa din il-*bring-in-site* u jsir tisbiħ tal-post. Il-Kunsill ser jibgħat *flyer* qabel jitneħħew u wara li jitneħħew isir it-tisbiħ.

**8.04** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta pjanti mingħand il-Perit William Lewis dwar il-bokok tax-*shelters* tal-Pjazza tal-Knisja. Dawn sejrin isiru *flash* mat-triq, ikunu tal-ħġieġ u persuni jistgħu jimxu fuqhom meta jkunu magħluqa.

**8.05** Wasteserv waslet fl-aħħar preparazzjonijiet qabel il-bidu għall-ġbir tal-iskart organiku ġewwa r-Reġjun ta' Għawdex. Wara kampanja edukattiva bieb-bieb, distribuzzjoni ta' materjal edukattiv, kontenituri u boroż apposta, issa wasal iż-żmien fejn ir-residenti jikkontribwixxu f'dan il-proġett. Il-Kunsill huwa favur din l-inizjattiva u jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tar-residenti.

Il-ġbir tal-iskart organiku ser jibda nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2016. Ir-residenti ġew mitluba jirreferu għall-iskeda tal-ġbir li se tidħol b'effett minn dakinhar. Ir-residenti ġew mitluba sabiex jibdew jużaw il-kontenitur u l-boroż ftit jiem qabel sabiex joħorġu barra l-borża l-bajda mimlija skart organiku fl-ewwel ġurnata tal-ġbir.

Skart organiku ser jinġabar biss f'boroż bojod. Mhumiex aċċettabbli boroż ta' kulur ieħor għal skart organiku.

Il-Kunsill ipprepara *flyer* bil-kulur u tqassam f'kull dar fil-Munxar u Ix-Xlendi.

**8.06** Ġiet ippreżentata stima sabiex jinxtraw tliet *poles* bil-bnadar sabiex jintużaw fuq il-palk għal waqt attività uffiċjali tal-Kunsill u attivitajiet oħra. Dawn se jiswew €755.20 u se jinxtraw mingħand Viking Signs Studio Ltd.

**8.07** Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għaċ-Ċirkulari bid-data ta' 24 ta' Awwissu 2016 bin-numru 16/2016 dwar Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Din iċ-ċirkulari tidħol fis-seħħ b'mod immedjat u kull Segretarju Eżekuttiv għandu jassigura li l-proċess ta' ħatra jsir fl-iqsar żmien possibbli iżda mhux iktar tard minn sitt ġimgħat mid-data taċ-Ċirkulari. Is-Segretarju Eżekuttiv jinnomina persuna li tkun qed tokkupa l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv jew li tkun fil-*pool* tas-Segretarji Eżekuttivi prospettivi. Għandha ssir riżoluzzjoni mill-Kunsill u l-effettività tagħha tkun ta' disgħin ġurnata biss.

Is-Sindku rrimarkat li għalissa aħjar ma jinħatar xejn u niffukaw fuq ix-xogħlijiet li għandu l-Kunsill.

**8.08** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill lista ta' ħdax il-kuntratt li trid issir sejħa għalihom. Dawn ma setgħux isiru qabel għaliex kważi tmien xhur is-Segretarju Eżekuttiv kien qed jaġixxi b'doveri ta' skrivan. Huwa ssuġġerixxa li tinstab xi persuna intiża fuq l-*e-Tenders* sabiex tgħin f'dan il-proċess. Kien hemm qbil dwar dan.

**8.09** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (Tliet Xhur) tal-ewwel kwart; Jannar/Marzu tas-sena finanzjarja 2016 u għat-tieni kwart: April/Ġunju tas-sena finanzjarja 2016. Dawn ser tintbagħat kopja tagħhom lid-Direttur, Gvern Lokali peress li kien talabhom meta l-Kunsill kellu laqgħa miegħu rigward il-*working capital* hekk kif irriżulta fil-*Financial Statements* għas-sena li għalqet f'Diċembru 2015 u ser jitpoġġew fuq il-*website* tal-Kunsill. Dawn ġew approvati.

**8.10** Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab lill-Kunsill sabiex jekk f'Novembru u Diċembru s-Segretarju Eżekuttiv ser jieħu aktar minn 40 siegħa *vacation leave* għandha ssir talba lid-Dipartiment wara li tgħaddi mil-laqgħa tal-Kunsill.

Għandha ssir talba wkoll lid-Dipartiment jekk is-Segretarju Eżekuttiv ikun ser iħalli xi sigħat *vacation leave* mis-sena 2016 għas-sena 2017. Din it-talba ssir wara li tgħaddi mil-laqgħa tal-Kunsill.

Għaldaqstant, minħabba l-esiġenzi tal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv ser jieħu 70 siegħa *vacation leave* matul Novembru u Diċembru 2016 u ser jutilizza 81.5 siegħa *vacation leave* tas-sena 2016 fis-sena 2017. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-ħin kien it-8.10 ta' filgħaxija u s-Sur Paul Curmi talab li jkun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**9. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

**9.01** Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 23/2016(29_09_16).

Il-ħin kien it-8.19 ta' filgħaxija u s-Sur Robert Mallia talab li jkun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**10. Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**10.01** Is-Sinjorina Sonja Abela ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq Ta' Marżiena hemm ħajt imwaqqa' għat-triq. Is-Sindku ser tibgħat il-ħaddiema għada stess.

**10.02** Is-Sur Damien Spiteri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm trejqa bejn Triq San Pawl u Triq it-12 ta' Diċembru 1957 li fiha ħafna ħmieġ tal-klieb u ma hijiex titnaddaf. Il-Kunsill ser jiġbed l-attenzjoni tal-kennies u s-Sur Damien Spiteri ser iwaħħal tabella mal-arblu sabiex is-sidien tal-klieb inaddfu dak li jħammġu l-klieb tagħhom.

**11. Aġġornament**

**11.01** Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 27 ta' Ottubru 2016 fil-5.30 ta' filgħaxija b'Aġenda li tkun ikkomunikata aktar 'il quddiem.

**11.02** Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

***Carmen Said***
*Sindku*

IFFIRMATA

***Anthony Grech***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 27 ta' Ottubru 2016